CARLO ACUTIS

IL-QADDIS ŻAGĦŻUGĦ TA' ŻMIENNA

- Twieled Londra nhar it-3 ta' Mejju 1991 minn ġenituri Taljani.
- 4 xhur wara, il-familja tiegħu reġgħet marret lura Milan.
- Kien iħobb il-volontarjat, il-futbol, l-għawm u l-video games.
- F'Ottubru 2006 marad bil-lukimja akuta.
- Fit-12 ta' Ottubru 2006 mar jiltaqa' mal-Ħallieq fl-età ta' 15-il sena.
- Fl-2018 ġie ddikjarat Venerabbli.
- Fl-10 ta' Ottubru 2020 ġie ddikjarat Beatu fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi.

KWALITAJIET

Carlo ma riedx li jkun skjav ta' affarijiet materjali. Biex ma jaħlix ħin għażel li jillimita l-logħob tal-kompjuter għal siegħa fil-ġimgħa u minflok uża l-ħin biex jgħin lit-tfal, anzjani u fqar. Ta' 11-il sena laħaq katekista. Kien jiltaqa' u jitkellem ma' migranti. Fl-iskola kien jagħmel ħbieb ma' min kellu problemi d-dar. Kien jibqa' leali lejn Ġesù u ma kienx jibża' mill-kritika.

Kellu interess kbir fil-*computer programming*. Ħoloq diversi websajts, waħda minnhom dwar qaddisin żgħażagħ. Iddokumenta mirakli Ewkaristiċi madwar id-dinja u ġabarahom f'mużew virtwali. Poġġa l-Ewkaristija bħala ċ-ċentru ta' ħajtu.

Il-ġenerożità ta' Carlo kienet tispikka. Għall-funeral tiegħu, il-knisja kienet ippakkjata b'persuni li Carlo kien jgħin. Huwa kien jgħid li aħjar ikollu par żarbun inqas u minflok jgħin lil min hu fil-bżonn. Bil-flus li kien ifaddal kien jixtri s*leeping bags* għal persuni bla dar u filgħaxija kien joħroġ joffrilhom xarba sħuna.

Skopri aktar:

L-Ewkaristija hija l-'highway' lejn il-Ġenna.



TOOLKIT GĦALL-QDUSIJA

CARLO KIEN TA TOOLKIT LIL SĦABU BIEX HUMA WKOLL JIFHMU T-TRIQ TAL-QDUSIJA

Quddiesa u Tqarbina kuljum

It-Talba tar-Rużarju

Il-Qari tal-Bibbja

L-Adorazzjoni Ewkaristika

Qrara kull ġimgħa

Tiċċaħħad minn xi ħaġa għal ħaddieħor

RIFLESSJONI

Kif qed nagħmel użu mill-ħin tiegħi? Kemm qed insib ħin nitlob, nersaq lejn is-sagramenti?

X'inhuma d-doni u talenti li żejjinni bihom Alla? X'qed nagħmel bihom? Kif nista' nagħmel użu aħjar mill-midja soċjali, b'mod li nagħmel aktar ġid?

Jiena kif nista' nagħmel karità ma' min hu fil-bżonn? (Il-karità mhijiex biss il-flus iżda bħal meta tagħti ħinek, volontarjat, tagħti d-demm, tagħti ħwejjeġ jew oġġetti oħra)

Kulħadd jitwieled oriġinali, imma ħafna jmutu fotokopji!

kodiġ